SKOLA THERESA NUZZO

EŻAMIJIET ANNWALI 2019

| Marka totali |
| --- |
| ______ 60 |

| | | |
| --- | --- | --- |
| IR-Raba' sena | MALTI KITBA | Ħin: siegħa u kwart |
| | Karta tal-istudenti | |

**Isem:**____________________________ **Klassi:**____________

| Il-Marki | |
| --- | --- |
| **Il-Fehem mill-Qari** | **Il-Kitba** |
| | |
| **30 marka** | **30 marka** |

**Aqra sew dan li ġej:**

- Ikteb ismek, kunjomok u **l-klassi**.
- Qabel tikteb **it-tweġiba, ifhem sewwa il-mistoqsija**.
- Jekk ma tkunx taf xi **tweġiba ħalliha vojta u kompli l-oħrajn. Imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar**.
- Jekk tieħu żball ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Qis li ma tħalli xejn barra.

TAQSIMA A: Il-Qari

**A. Aqra din l-istorja u rrispondi l-mistoqsijiet.**

## Iċ-Ċurkett tan-Nannu Pawl



In-nannu Pawl kien raġel xwejjaħ, jgħix bil-pensjoni. Kien joqgħod waħdu f'dar żgħira ħdejn il-baħar. Martu, n-nanna Mari` kienet mejta u ż-żewġ uliedu kienu żżewġu u siefru. Lil martu kien baqa' jħobbha ħafna, u ċ-ċurkett li kienet tatu fit-tieġ baqa' jżommu f'sebgħu bħala tifkira tagħha. Kien l-iktar ħaġa għażiża li kellu. *(Par 1.)*

Ix-xwejjaħ Pawlu kien iħobbu wisq il-baħar. Kien iħobb jagħmel mixja kuljum max-xatt, u xi drabi fis-sajf jinżel jagħmel għawma żgħira. Darba minnhom, iżda ġratlu biċċa kerha. Qabel niżel jgħum kien nesa jneħħi ċ-ċurkett minn sebgħu u jerfgħu x'imkien fiż-żgur kif kien soltu jagħmel. Waqt li kien jgħum, iċ-ċurkett tad-deheb ħariġlu minn sebgħu u baqa' nieżel fil-qiegħ. Meta nduna li kien tilef iċ-ċurkett Pawlu tant iddispjaċih li ma niżilx iktar jgħum. Imma dik il-mixja ma' xatt il-baħar baqa' jagħmilha. Kien iħares fit-tul lejn il-baħar u jixxennaq bla ebda tama li jġib lura dak iċ-ċurkett għażiż. *(Par 2.)*

Jum wieħed Pawlu mar jagħmel il-mixja tas-soltu fuq ix-xatt.



Waqt li kien miexi x-xwejjaħ lemaħ ħuta mdaqqsa ġo ħofra bl-ilma. Kien tellagħha l-mewġ tal-baħar u nqabdet hemm. Kienet tassew ħuta sabiħa, tleqq bħal fidda u mżewqa bl-ilwien kollha tal-qawsalla. Pawlu qatt ma kien ra ħuta bħalha. Għalhekk Pawlu qabad il-ħuta bil-ħlewwa u bil-galbu, u xeħitha mill-ġdid fil-baħar. Baqa' jħares lejha fl-ilma biex jaraha sejra tgħum 'il barra, iżda b'għaġeb kbir tiegħu, l-ħuta daret, ħarġet rasha mill-ilma u kellmitu. "Grazzi xwejjaħ talli salvajtli ħajti," qaltlu b'leħen ħelu qisu tal-vjolin. "Talli kont qalbek tajba miegħi nixtieq inħallsek billi nġiblek xi ħaġa sabiħa mill-baħar. Għidli x'tixtieq?" *(Par 3.)*

Pawlu baqa' jħares bħal miblugħ. Qatt qabel ma kien sema' ħuta titkellem! Imma dik kienet ħuta speċjali...ħuta maġika! "L-iktar ħaġa li nixtieq hija ċ-ċurkett ta' marti li kont tlift fil-baħar," laqlaq Pawlu eċitat għall-aħħar. *(Par 4.)*

Il-ħuta żammet kelmitha. Ftit wara l-ħuta reġgħet tfaċċat u f'ħalqha kellha xi ħaġa lewn id-deheb. Kienet iċ-ċurkett ta' Pawlu...! Ix-xwejjaħ li kien qed jistenna fuq ix-xatt medd idu u ħa ċ-ċurkett minn ħalq il-ħuta. "Grazzi...Grazzi ħafna, ħuta twajba!" qalilha Pawlu ferħan. "Int qtajtli l-ikbar xewqa li kelli." *(Par 5.)*

*(Mill-ktieb Ejja Naqraw Storja ta' Carmel G. Cauchi)*

1. <u>Agħmel sing taħt it-tajba.</u> *(3 x 1= 3 marki)*

a. Ma' min kien joqgħod in-nannu Pawl?

In-nannu Pawl kien joqgħod (ma' wliedu, waħdu, ma' martu).



b. X'sar minnha n-nanna Mari`?

In-nanna Mari` kienet (mietet, siefret, telqet għand ommha).

ċ. Kemm kellu tfal n-nannu Pawl?

In-nannu Pawl kellu (żewġ, tliet, erba') ulied.

2. <u>Kompli dawn is-sentenzi b'kelma adattata.</u> *(4 x 1= 4 marki)*

a. Waqt li kien miexi x-xwejjaħ lemaħ ħuta _______________ ġo ħofra bl-ilma.

b. Pawlu qatt qabel ma kien _______________ ħuta titkellem!

ċ. Ftit wara l-ħuta reġgħet ___________________ u f'ħalqha kellha xi ħaġa lewn id- _______________.

3. <u>Wieġeb dawn il-mistoqsijiet b'sentenzi sħaħ.</u> *(6 x 2= 12 marka)*

a. X'kienet l-aktar ħaġa għażiża li kellu n-nannu Pawl bħala tifkira ta' martu?

*(Par. 1)*

____________________________________________________________

____________________________________________________________

b. X'ġara darba minnhom waqt li kien qed jgħum in-nannu Pawl? *(Par. 2)*

______________________________________________

______________________________________________

ċ. X'talab in-nannu Pawl lill-ħuta biex iġġiblu mill-baħar? *(Par. 4)*

______________________________________________

______________________________________________

d. Fejn qagħad jistenna n-nannu sakemm il-ħuta ġabitlu ċ-ċurkett? *(Par. 5)*

______________________________________________

______________________________________________

e. Kif taħseb li ħassu n-nannu wara li l-ħuta tatu ċ-ċurkett lura? *(Par. 5)*

______________________________________________

______________________________________________

f. Taħseb li din hija storja vera? Għaliex?

______________________________________________

______________________________________________

**B. Erġa' aqra r-raba' paragrafu u wara wieġeb kif mitlub.** ***(11 marki)***

Pawlu baqa' jħares bħal miblugħ. Qatt qabel ma kien sema' ħuta titkellem! Imma dik kienet ħuta speċjali...ħuta maġika! "L-iktar ħaġa li nixtieq hija ċ-ċurkett ta' marti li kont tlift fil-baħar," laqlaq Pawlu eċitat għall-aħħar.

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Mill-paragrafu sib u ikteb **verb** li jfisser ***temtem***. | |
| 2. | Agħti l-**plural** ta' ***ħuta.*** | |
| 3. | Sib mis-silta **nom komuni.** | |
| 5. | Sib **pronom mehmuż** għal ***mara tiegħi.*** | |
| 6. | Ikteb l-**għerq** tal-verb ***jħares***. | |
| 7. | Sib kelma mill-paragrafu li tfisser ***skantat.*** | |
| 9. | Agħti **n-negattiv** ta' ***nixtieq.*** | |
| 10. | Agħti l-**mamma** tal-verb ***tlift***. | |
| 11. | Mill-paragrafu sib **verb fil-preżent**. | |

## TAQSIMA B – Il-Kitba

**1. Ikteb messaġġ qasir fuq il-mowbajl lill-ħabib tiegħek biex tara kif inhu peress li kien ma jiflaħx.** (Tista' tistaqsih kif inhu, tgħidlu li qed titlob għalih u tgħidlu xi ħaġa importanti li għamiltu l-iskola). ***Nota: Minflok ħabib, tista' tagħżel ukoll ħabiba (tifla).*** ***(6 marki)***



2. Ikteb slowgan sabiħ fuq dan il-kartellun. *(4 marki)*

_______________________________________________

_______________________________________________



3. Kitba Kreattiva.

Uża l-immaġinazzjoni tiegħek u b'Malti tajjeb ikteb komponiment ta' mhux inqas minn 100 kelma fuq WIEĦED minn dawn it-titli.

| | |
|---|---|
|  | **1. l-aktar darba li bżajt f'ħajti.**<br>*X'ġara dakinhar? Ma' min kont u fejn kont?*<br>*Għaliex bżajt daqshekk? Minn xiex bżajt u x'ġara wara?* |
| **JEW** | |
|  | **2. L-għasfur li jitkellem.**<br>*Fejn kont? Ma' min kont? Kif ħassejtek x'ħin smajt l-għasfur ikellmek? X'qallek? X'għamiltu? Fejn mortu?* |
| **JEW** | |

| | |
|---|---|
|   | **3. Ix-xirja mingħand Ta' Pawlu**<br>*Ikteb komponiment b'dawn l-istampi. Uża dan it-titlu.* |

Uża dan l-ispazju biex tikteb xi ideat sabiex tippjana l-istorja tiegħek.

*(2 marki)*

Ikteb it-titlu li għażilt: ________________________________ (18-il marka)

------------- TMIEM -------------

| | | |
|---|---|---|
| Ideat | 5 | |
| Grammatika | 4 | |
| Vokabularju | 5 | |
| Punteġġjatura | 4 | |
| **Total** | | |